**Adeline**

Kellimtni fuq l-imħabba t'Alla
Urejtni l-mixja kollha ħsieb,
Weżintni meta l-baħar tqalleb
Nessejtni minn ħafna inkwiet.

Salpajt miegħi f'ħafna buffuri
Għolejna flimkien mas-smewwiet,
Għodosna fejn ħaduna l-ħalel
Tlajna mimlija bil-barkiet.

Ma nafx kif dan kollu inġama'
Donnu l-għajdut le ma waqfux,
Ta' nies miġrugħa minn dik qalbhom
Li tixliehom, kemm ma jafux.

Dak hu l-bniedem li jiġġudika
Ma jindunax li hu qattiel,
Tiegħu nnifsu b'tant ħruxija
Jibqa' joqtol sakemm jidbiel.

Imma illum għalik, int ja bniedem
Qed tinfetaħ l-aqwa aħbar,
Li l-imħabba li għandek f'qalbek
Tista' issir bħal ħuġġieġa nar.

Jekk fl-aħħar ikollok il-ħila
Li taqsamha dlonk mal-oħrajn,
U mhux tistħi w qatt ma turieha
Arak tibża' għax tarak l-għajn.

Kun int, b'dak kollu l'għandek f'qalbek
B'hekk biss fl-aħħar se tgħix kuntent,
Agħti kollox mill-qiegħ ta' qalb
Għal darba tgħixx f'dan it-turment.

U tistrieħ mill-għira u x-xeħħa
M'hemm bżonn togħxa fuq it-tiżjin,
Kun sinċier ma' Kristu w Marija
Dan li għallimtni Adeline.

Patri Mario Attard OFM Cap
21 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.